

Brussell, 18 ta' Lulju 2018
(OR. en)

11228/18

DAPIX 239
CRIMORG 104
ENFOPOL 389
ENFOCUSTOM 161
JAI 783

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
fi:	16 ta' Lulju 2018
lil:	Delegazzjonijiet
Nru. dok. preċ.: 10549/18 + COR 1	
Suġġett:	Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI - Evalwazzjoni tal-Irlanda rigward l-iskambju awtomatizzat ta' data tad-DNA

Id-delegazzjonijiet isibu fl-Anness il-Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI, adottati mill-Kunsill fit-3632 laqgħa tiegħu li saret fis-16 ta' Lulju 2018.

KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL
dwar l-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data
tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI

Evalwazzjoni tal-Irlanda rigward l-iskambju awtomatizzat ta' data tad-DNA

1. F'konformità mal-Artikolu 25(2) tad-Deċiżjoni tal-Kunsill 2008/615/ĠAI, il-forniment ta' data personali previst mid-Deċiżjoni jista' jseħħ biss ladarba d-dispożizzjonijiet dwar il-protezzjoni tad-data stabbiliti fil-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni jiġu implimentati fil-liġi nazzjonali tat-territorji tal-Istati Membri involuti f'dan il-forniment. Il-Kunsill irid jiddeċiedi unanimament jekk intlaħqitx din il-kondizzjoni. Din id-dispożizzjoni ma tapplikax għal daww l-Istati Membri li fihom il-forniment ta' data personali kif previst f'din id-Deċiżjoni jkun diġà tnieda skont it-"Trattat ta' Prüm" (2005).
2. F'konformità mal-Artikolu 20 tad-Deċiżjoni 2008/616/ĠAI, il-verifika li tkun intlaħqet il-kondizzjoni ta' hawn fuq għandha ssir abbażi ta' rapport ta' evalwazzjoni bbażat fuq kwestjonarju. Fir-rigward tal-iskambju awtomatizzat ta' data f'konformità mal-Kapitolu 2 tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI, ir-rapport ta' evalwazzjoni għandu jkun ibbażat ukoll fuq żjara ta' evalwazzjoni u fuq prova pilota.
3. F'konformità mal-punt 1.1 tal-Kapitolu 4 tal-Anness għad-Deċiżjoni 2008/616/ĠAI, il-kwestjonarju mfassal mill-Grupp ta' Ħidma rilevanti tal-Kunsill jikkonċerna kull wieħed mill-iskambji awtomatizzati ta' data u għandu jintwieġeb minn Stat Membru hekk kif iqis li huwa jissodisfa l-prerekwiżiti għall-kondiviżjoni tad-data fil-kategorija rilevanti tad-data.
4. L-Irlanda kkompletat il-kwestjonarju dwar il-protezzjoni tad-data u l-kwestjonarju dwar l-iskambju ta' data tad-DNA. L-Irlanda wettqet b'suċċess prova pilota mal-Awstrija. Saret żjara ta' evalwazzjoni fl-Irlanda u sar rapport dwar iż-żjara ta' evalwazzjoni mit-tim ta' evalwazzjoni Awstrijak li ntbagħat lill-Grupp ta' Ħidma rilevanti tal-Kunsill (9097/18 DAPIX 146 CRIMORG 73 ENFOPOL 252 ENFOCUSTOM 110 JAI 499).

5. Ġie ppreżentat rapport ta' evalwazzjoni ġenerali lill-Kunsill, li jiġbor fil-qosor ir-risultati tal-kwestjonarju, iż-żjara ta' evalwazzjoni u l-prova pilota dwar l-iskambju ta' data tad-DNA (9098/18 DAPIX 147 CRIMORG 74 ENFOPOL 253 ENFOCUSTOM 109 JAI 498).
6. Fil-laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma dwar l-Iskambju tal-Infurmazzjoni u l-Protezzjoni tad-Data (DAPIX) tal-25 ta' Ġunju 2018, kien rikonoxxut li kull Stat Membru marbut bid-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI jaqbel li ġew issodisfati l-kondizzjonijiet biex il-Kunsill jikkonkludi li għall-finijiet tal-iskambju awtomatizzat ta' data tad-DNA, l-Irlanda implimentat b'mod sħiħ id-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI.
7. Abbażi ta' dan, il-Kunsill jikkonkludi li għall-finijiet tal-iskambju awtomatizzat ta' data tad-DNA, l-Irlanda implimentat b'mod sħiħ id-dispożizzjonijiet ġenerali dwar il-protezzjoni tad-data tal-Kapitolu 6 tad-Deċiżjoni 2008/615/ĠAI.
